**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 3502/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mary Grace Zammit**

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Mary Grace Zammit, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0636162(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' 19:30hrs fi Triq id-Dejma, Zabbar, saqet vettura b'numru ta' reġistrazzjoni MGR610:

1. B'manjiera traskurata;
2. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunat ħruq jew għamlet ħsara jew ħassret jew għarrqet xi ħaġa, minħabba f'hekk Michelle Kesler batit offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif iċċertifikat Dr Maria Aquilina MD minn MDH.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, *"wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u*

*Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9, LS 65.11 MVR75, L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Liġijiet ta' Malta"* ma sabitx lil Mary Grace Zammit ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u lliberatha minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issibha ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha kollha u tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, aggravat bis-sentenza appellata fejn l-appellanti kienet illiberata minn kull ħtija u piena għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha, l-Avukat Ġenerali jilmenta fl-appell minnu ntentat illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta lliberat lill-appellata mill-akkużi miġjuba kontriha u dana għaliex, skond hu, tressqu biżżejjed provi sabiex tinstab il-ħtija. Għalhekk, l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali huwa wieħed msejjes fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar l-appell fil-mertu, il-Qorti tirrileva illi għalkemm it-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellata, li titkellem dwar ir-reat ravviżat fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema reat huwa wieħed punibbli b'terminu ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew b'multa, huwa reat ta' natura sommarja li jinkwadra ruħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, skont dak dispost fl-Artikolu 370(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, fejn huwa eskluż appell mill-Avukat Ġenerali fuq punti ta' fatt, madanakollu ġaldarba l-appellata hija mixlija ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Avukat Ġenerali għandu jedd ta' appell b'mod ġenerali, kwindi bl-applikazzjoni tal-artikolu 413(2) tal-Kodiċi Kriminali stante

illi r-reati jinkwadraw ruħhom taħt iċ-ċirkostanzi ravviżati fl-imsemmi sub-inċiż għall-artikolu 413, ma hemm ebda impediment għall-jedd tal-appell tal-Avukat Ġenerali b'mod ġenerali.

Stabbilit kwindi illi l-Avukat Ġenerali għandu jedd t'appell dwar apprezzament tal-provi fuq l-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-appellata, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali, b'mod ewlieni mill-*affidavit* redatt minn PS 995 Christian Mangion, jirrizulta li nhar l-4 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' 19:30hrs, il-Pulizija kienet infurmata li ġewwa Triq id-Dejma, Ħaż-Żabbar, seħħ inċident tat-traffiku li fih kienet ittajret persuna. Illi, l-istess PS 995 kien tkellem mal-vittma Michelle Kessler li stqarret li: -

> "**Waqt li kont qeda nimxi fi Triq id-Dejma bil-kelba waqaft fuq iz-zebra crossing sabiex naqsam it-triq, innutajt li l-vettura li kienet ġejja fid-direzzjoni tiegħi bdiet tnaqqas il-veloċita' u għaldaqstant jiena qsamt it-triq, iżda għal xi raġuni x-xufier ta' din il-vettura ma waqfitx u laqtitni bil-vettura**".

Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, Michelle Kessler stqarret li –

> ***... I was waiting at the pedestrian crossing to cross the street, which is split in two so you go over the first, then there's a middle aisle and then for the next part of the road and I was waiting on the first part with my dog there was a car that came rushing by, so waited and then the second car that was coming was coming slower and consistently slowing down, and I thought I made eye contact with the driver, so I started because she was slowing down I started walking and then it happened really fast I noticed that I realised that she***

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

***wasn't going to stop so I pulled my dog behind me and the car hit me and I fell and broke my hand.***

Illi, il-ġrieħi subiti mill-vittma ġew ikklassifikati minn Dr Maria Aquilina bħala ta' natura gravi.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellata, *a tempo vergine* kienet stqarret li;

"**Kont qeda nsuq fi Triq id-Dejma direzzjoni lejn Haz-Zabbar, innutajt persuna femminili miexja fuq il-bankina meta f'ħin minnhom qabdet u qasmet minn fuq iz-zebra crossing mingħajr ma waqfet, ma kellix ċans inwaqqaf il-vettura u minħabba f'hekk ilqatha**".

Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti stqarret li:

"**Din rajtha ġejja fuq il-bankina fid-direzzjoni lejja face to face nħarsu lejn xulxin rajtha ġejja baqgħet ġejja x'ħin waslet ħdejn iz-zebra crossing ma għamlet l-ebda indikazzjoni li se taqsam u qabdet u qasmet f'daqqa**".

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellata fl-ewwel imputazzjoni hija mixlija bir-reat tas-sewqan traskurat. Jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"[2] illi t-terminu '*sewqan traskurat*' komunement magħruf bl-Ingliz bħala '*negligent driving*', jammonta għall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat. L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[3], ukoll fisser id-definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li –

**Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.**

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.

Illi, imbagħad fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tanya Sacco"[4], il-Qorti qalet li anke jekk persuna għandha d-dritta xorta waħda għandha zzomm *a proper look out* għal kull inċident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Illi, huwa ċar li f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-fatti kontrastanti għaliex għalkemm huwa stabbilit illi l-appellata kienet qed tavviċina l-istrixxi pedonali u rrallentat fis-sewqan tagħha, madanakollu hemm nuqqas ta' qbil dwar l-aġir tal-*pedestrian* li skont il-verżjoni tal-appellata ma waqfitx biex tesplora it-triq qabel qasmet, iżda mingħajr ebda pre-avviż qabdet u qasmet it-triq sabiex b'hekk hija spiċċat rinfaċċjata b'emerġenza subitanea li għamlitha impossibbli għaliha li twaqqaf tempestivament.

Illi, l-piż tal-prova tistrieħ fuq il-Prosekuzzjoni li għanda tipprova il-każ tagħha lil hinn minn kull dubbju raġonevoli u li kull dubbju jmur favur l-imputat. Illi fl-aggravji tiegħu, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi kien evidenti illi l-appellata kienet rat lill-vittma qabel l-inċident u li ma hemmx prova in atti illi l-parti offiża qabdet u qasmet għaliex ġibidha il-kelb, kif tikkontendi l-appellata. Oltre dan jikkontendi illi l-vittma kienet tat sinjal ċar lill-appellata li kienet bi ħsiebha taqsam it-triq għax sar *eye contact* bejniethom. Jikkontendi inoltre li l-obbligu tas-sewwieq huwa li jeżerċita prudenza akbar meta ikun qed javviċina l-istrixxi pedonali u l-fatt illi l-appellata ma jirnexxilhiex twaqqaf il-vettura minnha misjuqa tempestivament jammonta għal sewqan traskurat. Dan il-fatt huwa imsaħħaħ, fil-fehma tiegħu, mill-prova li meta il-vettura tal-appellata laqtet lill-vittma, din kienet diġa' waslet lejn in-nofs tal-istrixxi pedonali, u għalhekk it-teżi tal-appellata li l-vittma qabdet u qasmet it-triq ma għandiex mis-sewwa.

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieqa fil-konfront tal-*pedestrians* il-Qorti ta'l-Appell Kriminali stabbilit illi:

> **Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-**

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986.

**pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment[5].**

Illi in oltre kien stabbilit li:

**"…. biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata middriver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita lkonsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."**

Illi f'sentenzi ohra mbagħad, b'mod speċifiku dwar meta l-*pedestrian* ma tesplorax sew it-triq qabel kompliet taqsam, il-Qorti ta'l-Appell Krminiali rribadiet li dan fih innifsu:

**"…. ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz[6]."**

Illi l-*Highway Code* imbagħad jistabbilixxi x'għandu jagħmel *pedestrian* qabel jaqsam u hemm diversi regoli li jridu jiġu segwiti.

**23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur.**

**24. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.**

**25. Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.**

[5] Pulizija vs Robert Brincat deciza 22.11.2007
[6] Pulizija vs Gaetano Schembri deciza 16.3.1961

**26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda.**

**… … … …**

**33. "Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak.**

Illi huwa fatt inkontestat, minn dak dikjarat mill-parti offiża stess, illi hija qasmet it-triq meta rat il-vettura misjuqa mill-appellata tirrallenta u għaliex għamlet *eye contact* magħha dehrilha li din kienet ser tippermettielha taqsam u qabdet u qasmet mingħajr ma stenniet lil din il-vettura twaqqaf għal kollox. Illi minn naħa tagħha l-appellata tikkontendi illi mhuwiex minnu li din kienet wieqfa fuq l-istrixxi pedonali iżda hekk kif waslet magħha, qabdet u qasmet it-triq inaspettattament, mingħajr ma tatha ebda sinjal li din kienet bi ħsiebha taqsam it-triq u għalkemm irrallentat hekk kif qorbot l-istrixxi pedonali ma basritx illi din kienet ser taqsam it-triq. Illi allura kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti f'dan il-każ jeżisti dubju konsiderevoli dwar id-dinamika tal-inċident *de quo,* u anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha taċċetta l-verżjoni tal-fatti tal-parti offiża, jirriżulta illi din ma stennietx sakemm il-vettura tal-appellata tieqfilha qabel tintenta taqsam it-triq, iżda dehrilha li għaliex ratha tirrallenta hekk kif qorbot lejha hija kellha taqbad u taqsam it-triq. Minħabba f'hekk, din l-Qorti ma ssib xejn sindikabbli fis-sentenza appellata u tisħaq li, abbażi tal-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija tal-appellata sal-grad rikjest mill-Liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**